**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 26/ 2021**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Julius Bonello**

Illum, 6 ta' Lulju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Julius Bonello, iben Giorgio u Josephine xebba Ellul imwieled Safi fl-4 ta' Frar, 1952 u residenti 23, Triq Spinola, San Giljan u detentur tal-karta tal-identita' numru 155752 M., akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-27 ta' Ottubru, 2018, ghall-habta ta' l-08:50hrs u fil-granet u hinijiet ta' qabel f' Hal-Safi, kont qed tiehu jew tipprova tiehu xi ghasfur, matul l-istagun maghluq ghall-insib ta' l-ghasafar u dan bi ksur tar- Reg 18 (1) (c), L.S. 549.42. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kont qieghed tonsob minghajr ma kellek licenzja mahruga f' ismek mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Reg 12 (1) ta' l- A.L. 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 549.42. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkacjajt jew ippruvajt tikkaccja, tiehu jew ppruvajt tiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn irregolamenti, jekk mhux skond dawn ir-

regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenza li tinghata tahtha; Reg 4 (1) (a) tas-SL 549.42.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li tghati l-piena taht ir-regolament 27 ta' l A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenza jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li barra li taghti il-piena skond il-ligi, tordna l konfiska tal-oggetti esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Jannar, 2021, fejn il-Qorti iddikjarat kawza preskritta stante li t-terminu ta' sentejn kien jaghlaq fis-27 ta' Ottubru, 2020 u ghalhekk il-Prosekuzzjoni kellha mit-28 Gunju sas-27 Ottubru 2020 cans sabiex tinnotifika lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnhu pprezentat fit-8 ta' Frar, 2021, fejn talab lil din il- joghgobha, thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat hati skont l-akkuzi u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat illi fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) l-atti processwali tal-proceduri fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti permezz tad-decizjoni hawn fuq riferita, *inter alia,* ghamlet enuncjazjoni zbaljata tal-ligi li fil-fatt wasslet ghal-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet hekk kif migjuba kontrih u ghaldaqstant l-esponent qieghed jinterponi dan l-umli appell;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament u interpretazzjoni hazina tal-ligi li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-

imputat mill-imputazzjoni migjuba kontrih minhabba f' li skond dik l-Onorabbli Qorti t-terminu ta' sentejn preskrizzjoni kien ddekorra;

Illi l-Qorti fis-sentenza laqghet l-eccezzjoni tad-difiza u ghaddiet biex tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonkludiet bis-segwenti bla ma iddikajrat il-prroceduri estinti:

> *Il-Qorti qed tiddikjara kawza preskritta stante li t-terminu ta' sentejn kien jaghlaq fis-27 ta Ottubru 2020 u ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha minn Gunju sa Ottubru 2020 cans biex tinnotifika lill-imputat.*
> *Kawza preskritta."*

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti trid tiddetermina jekk meta l-Ewwel Qorti laqghet id-difiza tal-appellat dwar il-preskrizzjoni u konsegwentment astjeniet li tiehu konjizzjoni ulterjuri tad-difiza tal-appellat, kienitx wahda gusta jew inkella kiniitx rizultat ta' applikazzjoni u interpretazzjoni hazina tal-ligi.

Din il-Qorti ser tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelina Braddick Southgate**[1] fejn il-Qorti qalet hekk fuq il-preskrizzjoni:

> *'Il-preskrizzjoni tiddetermina l-mertu tal-kawza u l-liberazzjoni ssegwi minn tali preskrizzjoni hi decizjoni ta' liberazzjoni bhal decizjoni ta' liberazzjoni bbazata fuq nuqqas ta' provi.'*

Illi m'hemmx kontestazzjoni mill-partijiet illi l-Artikolu tal-preskrizzjoni li ghandu jigi applikat fir-rigward tal-akkuzi odjerni huwa l-Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali li jistipula s-segwenti:

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Mejju, 1997.

*688. Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –*

*(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew talmulta jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet;*

In-nuqqas ta'qbil li hemm bejn il-partijiet hu jekk fil-kaz odjern tapplikax tali preskrizzjoni jew le. L-argument tal-Avukat Generali fir-rikors tieghu huwa msejjes primarjament fuq **l-Avviz Legali 61 ta' 2020** li jgib l-isem **ta' Ordni tal-2020 dwar l-Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' Hinijiet Gudizzjarji u Legali)**[2] fejn l-Artikolu 3 ta' dan l-Avviz Legali jghid hekk:

3. (1) Meta s-Supritendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta' kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha **tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inkluż żminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati**. **Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara t-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Supritendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jum meta s-Supritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta' kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta.**

[2] Legislazzjoni Sussidjarja 465,17.

Jinghad li dan l-Artikolu gie sussegwentament emendat permezz ta' **Avviz Legali 84 ta' 2020 minkejja li l-partijiet ma ghamlu l-ebda referenza ghalih. D**an l-Artikolu gie jaqra hekk:

> Meta s-Suprintendent tordna l-għeluq tal-qrati kollha jew ta' kwalunkwe qorti għall-fini ta' ħarsien kontra u, jew ta'kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv, tali ordni għandha tissospendi ż-żmien ta' kwalunkwe ħinijiet legali u ġudizzjarju u ta' kwalunkwe limitu ta' żmien ieħor inklużżminijiet perentorji applikabbli għall-proċedimenti jew proċeduri oħra quddiem l-imsemmija qrati. **Din is-sospensjoni għandha tapplika ukoll għall-preskrizzjoni fi kwistjonijiet kriminali u ċivili.** Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara r-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Suprintendent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' hawn fuq, din is-sospensjoni għandha tfisser li jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe ħin legali jew ġudizzjarju jew limitu ta' żmien ieħor jiskadi matul iż-żmien meta ordni provduta f'dan ir-regolament tkun fis-seħħ, iż-żmien għall-preżentata għandu jiġi sospiż sa sebat (7) ijiem wara l-jummeta s-Supritendent tirrevoka l-ordni għall-għeluq ta'kwalunkwe qorti permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

**Ghaldaqstant f'dan ir-rigward, gie specifikat illi dan l-Artikolu japplika ghall-preskrizzjoni kriminali.**

Illi dan l-Avviz Legali gie imhassar permezz ta' l-Avviz Legali 243 ta' 2020[3] li kellu jidhol fis-sehh nhar it-30 ta' Gunju, 2020.

[3] Legislazzjoni Sussidjarja 465. 45.

Permezz **tal-Avviz Legali numru 65 ta' 2020** u li jgib l-isem **l-Ordni tal-2020 dwar l-Gheluq tal-Qrati tal-Gustizzja**,[4] Is-Supretendent tas-Sahha Pubblika ordnat l-Gheluq tal-Qrati u r-Registri b'effett mis-16 ta' Marzu, 2020. Illi dan l-Avviz Legal gie emendat minn Avvizi Legali ohrajn fosthom **Avviz Legali numru 97 ta' 2020** fejn gew mizjuda is-segwenti artikoli:

> *4. Kwalunkwe limitu ta' żmien legali, ġudizzjarju, jew amministrattiv għal preżentata ta' xi atti quddiem il-qorti wara l-konklużjoni ta' kwalunkwe proċedimenti quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li ma toperax mill-binja tal-Qrati tal-Ġustizzja, għandu jkun sospiż għal għoxrin (20) jum mit-tneħħija tar-revoka ta' dan l-ordni mis-Suprintendent.*
>
> *5. Is-sospensjoni tal-limit ta' żmien kif fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja in kwantu tirrigwarda bordijiet, kummissjonijiet, kumitati jewentitajiet oħra li ma joperawx mill-binja tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal ħamest (5) ijiem mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni li jemenda.*

Permezz **tal-Avviz Legali 230 ta' 2020**,[5] l-Avviz Legali dwar l-Ordni dwar l-Għeluq tal-Qrati tal-Ġustizzja gie **mhassar** u dan b'effett mill-5 ta' Gunju, 2020. Oltre minn hekk, b'referenza ta' Artikolu 4 u 5 indikati supra, gew mizjuda wkoll dawn l-Artikli taht L-Avviz Legali 230 ta' 2020:

> *3. Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti wara l-konklużjoni ta' kwalunkwe proċeduri quddiem kwalunkwe tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li ma joperax mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal għoxrin (20) jum mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.*

[4] Legislazzjoni Sussidjarja 465.19.
[5] Legislazzjoni Sussidjara 465.42.

*4. Is-sospensjoni tal-limiti ta' żmien kif kienet fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Ordni għall-preżentazzjoni ta' atti quddiem qorti jew tribunal, bord, kummissjoni, kumitat jew entità oħra li topera mill-bini tal-Qrati tal-Ġustizzja għandha tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' sebat (7) ijiem mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni.*

Illi giet imqajjma vertenza min-naha tad-difiza u cioe' rigward il-fatt li t-test Ingliz u test Malti tal-Avviz Legali 230 ta' 2020 ma jipprospettawx sitwazzjoni identika. L-istess jista' jintqal fir-rigward ta' l- Avviz Legali 243 ta'2020. Filwaqt li t-test Malti ta' Avviz Legali 230 ta' 2020 u Avviz Legali 243 ta' 2020 juzaw terminologiji bhal 'thassir' u 'revoka' fir-rigward ta' Avvizi Legali precedenti, it-test Ingliz juza l-kelma *'repeal'*. Sfortunatament dan qieghed johloq konfuzjoni u ncertezza legali *stante* il-fatt illi filwaqt li t-terminu 'thassir' jfisser illi kien hemm xi haga imma li prezentament giet imhassra, min-naha l-ohra it-termini 'revoka' u 'repeal' jfissru li kien hemm xi haga li llum il-gurnata giet annullata u cioe' qisu li qatt ma ezistit. Ghaldaqstant jekk Avviz Legali precedenti gie annullat permezz ta' Avviz Legali li gie warajh, allura l-ebda referenza ma tkun tista' ssir ghal dan l-Avviz Legali u r-regolamenti li jaqghu tahtu qishom qatt ma ezistew. Oltre minn hekk it-test Malti fl-Avviz Legali 243 ta' 2020 juza il-kelma 'revokar' fit-titlu, madankollu t-terminu 'mhassra' jintuza taht Artikolu 2.

Illi l-Artikolu 74 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi illi:

*Hlief kif provdut xort'ohra mill-Parlament, kull ligi ghandha ssir kemm bl-ilsien Malti kif ukoll bl-ilsien Ingliz u, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliz ta' xi ligi, it-test Malti ghandu jipprevali.*[6]

[6] Ara f'dan ir-rigward **Il-Pulizija vs Kenneth Debattista** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-2 ta' Dicembru, 2009; **Il-Pulizija vs Clinton Falzon** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-13 ta' Jannar 2010; **Il-Pulizija vs Silvan Falzon** deciza mill-Qorti ta' l-Appell har it-13 ta' Jannar 2010 u **Il-Pulizija vs Raymond Rossignaud et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-30 ta' Jannar 2018.

Din il-Qorti mhux tichad illi tezisti nuqqas ta' certezza legali fejn jidhlu l-Avvizi Legali ndikati *supra*, madankollu dan mhux il-forum fejn dan ghandu jigi deciz u jekk il-partijiet jixtiequ kjarezza f'dan ir-rigward ghandhom jirrikorru ghal-forum adegwat.

F'dan l-istadju, b'appikazzjoni ta' Artikolu 74 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, din il-Qorti ser taghddi sabiex tibbaza d-decizjoni taghha billi taghmel referenza test Malti.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Avvizi Legali li japplikaw ghal kaz odjern principarjament huma l-Avviz Legali 61 ta' 2020 u sussegwentament l-Avvizi Legali li emendawh fosthom l-Avviz Legali 84 ta' 2020 li jaghmel referenza partikolari ghall-preskrizzjoni kriminali. Sussegwentament, dan gie imhassar bl-Avviz Legali 243 ta' 2020 li kellu jidhol fis-sehh nhar it-30 ta' Gunju, 2020.

L-appellat allegatament wettaq ir-reati mertu ta' dan l-Appell nhar is-27 t' Ottubru, 2018. Bl-applikazzjoni ta' Artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali, dawn ir-reati allura jigu preskritti nhar is-27 t' Ottubru, 2020. Madankollu, b'applikazzjoni tal-Avviz Legali numru 61 ta' 2020 li dahal fis-sehh nhar it-13 ta' Marzu, 2020, sa meta dahal fis-sehh l-Avviz Legali 243 ta' 2020 u cioe' nhar it-30 ta' Gunju, 2020, il-preskrizzjoni kienet sospiza b'mija u disa' (109) gurnata u ghaldaqstant il-preskrizzjoni mxiet il-quddiem b'daqstant granet[7]. Oltre minn hekk wiehed irid izid ukoll seba' (7) granet ohra sospizi, hekk kif specifikat fl-Avviz Legali 61 ta' 2020, Artikolu 3. Ghaldaqstant il-preskrizzjoni giet sospiza ghal total ta' mija u sittax (116) -il gurnata. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti zgur ma tistax taqbel ma l-Ewwel Qorti meta ddikjarat il-kawza preskritta *stante* li t-terminu ta' sentejn kien jaghlaq fil-21 ta' Ottubru 2020, meta fil-verita', bis-sahha ta' l-Avvizi Legali sucitati kien jaghlaq fl-20 ta' Frar 2021.

L-Appell ta' l-Avukat Generali ghalhekk jimmerita li jigi akkolt. Din il-Qorti izda ma jidhrilix li ghandha tisma' l-provi hi u dan sabiex ma tipprivax lill-appellat mill-beneficcju tad-'*doppio esame*'.

---

[7] Artiklu 3 tal-Avviz Legali 61 jghid hekk:

. **<u>Din is-sospensjoni għandha tapplika ukoll għall-preskrizzjoni fi kwistjonijiet kriminali u ċivili.</u>** Is-sospensjoni għandha ddum sa sebat (7) ijiem wara r-revoka ta' kwalunkwe ordni mis-Suprintendent

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tiddisponi mill-Appell ta' l-Avukat Generali billi thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tordna li l-atti tal-kawza jigu mibghuta lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex din, wara li tisma' lill-partijiet, tiddeciedi skond il-ligi fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellat.

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Onorevoli Ministru tal-Gustizzja, Ugwaljanza u Governanza u dan bil-ghan li jiehu konjizzjoni taghha sabiex jara jekk hemmx bzonn li jsiru xi interventi legislattivi dwar l-kliem testwali tal-Avvizi Legali numru 230 u 243 ta' 2020.**

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur